# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU 2002**

**Avviz Nru 487/99DM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation p.l.c ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Toly Products Limited skond l-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 989060)**

**Vs**

**Air Malta Company Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm688 rappresentanti hsarat fuq konsenja ta' 21 cartons cosmetic brushes li waslu Malta fit-2 ta' Settembru 1998 abbord l-Air Malta KM451, kif jidher mill-air way bill

number 64304037250, ghall-liema hsarat is-socjeta konvenuta hija unikament responsabbli.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-presentata tal-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fl-ambitu tal-Conditions of Carriage u tal-Warsaw Convention;

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti mill-kontendenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-hsara fil-cosmetic brushes in kwistjoni, l-atturi pprezentaw provi ezawrienti biex juru illi l-merkanzija in kwistjoni ma kellha ebda indikazzjoni ta’ hsarat meta giet ikkonsenjata lil Air Malta sabiex tigi ttrasportata f’Malta.

Infatti Robert Pace Bonnici Monpalo, in rapprezentanza tac-Chairman tal-kumpanija konvenuta, ddikjara illi meta l-kumpanija tieghu kienu accettaw il-merkanzija ghat-trasport ma kienu ghamlu ebda riferenza ghal xi hsarat li setghu kienu riskontrati dak il-hin li accettaw il-merkanzija.

L-istess xhud stqarr in segwitu illi minn-notamenti li ghamel l-ufficjal tal-kumpanija konvenuta meta l-merkanzija giet irrilaxxjata lir-rapprezentanti tal-importaturi rrizulta li kien hemm hames (5) kartuniet li kienu mxarbin u gew rilaxxati f'dan l-istat.

In segwitu meta l-merkanzija twasllet fl-imhazen tal-importaturi il-kumpanija Toly Products, giet ezaminata bir-reqqa u jirrizulta ampjament kemm mid-deposizzjoni ta' Fabio Micallef, l-'incoming inspector' tal-kumpanija importatrici, kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Oliver Losco, li jghamel is-survey, illi kwantita ta' brushes kienu instabu mxarbin u ghalhekk mhux fi stat li jintuzaw.

Inoltre jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Gordin Axciak, rapprezentant tal-kumpanija assiguratrici attrici, illi l-brushes kollha danneggjati kienu gew ikkonsenjati lill-istess kumpanija u, billi dawn il-brushes minhabba d-danni ma kellhom ebda valur, kienu gew distrutti.

Ghalhekk il-provi jindikaw illi effettivament il-kumpanija Toly Products kienet irceviet merkanzija danneggjata minn ghand il-konvenuti u illi dawn id-danni ammontaw ghas-somma totali ta' Lm688 (sitt mija u tmienja u tmenin lira Maltin) kif indikat fl-avviz. Jirrizulta wkoll illi dan

l-ammont thallas mill-kumpanija assikuratrici tal-merkanija lill-istess Toly Products Limited li minn naha taghhom issurrogaw lill-atturi fid-drittijiet taghhom u jirrizulta ukoll illi, ghal dawn id-danni, hija risponsabbli l-kumpanija konvenuta, Air Malta Company Limited.

Min-naha tal-kumpanija konvenuta, ma saritx tant insistenza dwar in-nuqqas tar-responsabbilta' taghhom izda ibbazat il-kontestazzjoni taghha ghat-talba attrici fuq il-kundizzjonijiet tal-garr kif indikati fil-manifest ossia fl'Airway Bill relattiv ghall merkanzija u kif ukoll accettati mill-konvenzjoni ta' Warsaw dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija bl-ajru.

In sostenn ta' dan, il-konvenuti pprezentaw kopja tal-kundizzjonijiet illi jakkumpanjaw kull airway bill ossia l-kuntratt miftiehem dwar il-garr, liema kundizzjonijiet ma gewx ikkontestati mill-atturi.

Il-klawsola rilevanti ghal-kaz in ezami hija l-klawsola numru 12 fejn fis-Sub Artikolu (1) huwa patwitt illi *"The person entitled to delivery must make a complaint to the carrier in writing in the case of visible demage to the goods immediately after discovery of the damage and at least within the fourteen (14) days from receipt of the goods".*

Evidentement f'dan il-kaz jirrizulta illi l-hsara kienet vizibli u ghalhekk l-importaturi jew rapprezentanti taghhom kienu obbligati illi jghatu avviz lill-konvenuti dwar il-hsara immedjatament u fi kwalunkwe kaz, mhux iktar tard minn erbghatax (14) il-gurnata wara li giet ikkonsenjata l-merkanzija.

Il-merkanzija in kwistjoni kienet giet imwassla Malta mill-konvenuti fit-2 ta’ Settembru 1998 u kienet giet ikkunsenjata lill rapprezentanti tal-importaturi fl-istess gurnata skond kif jidher mid-dokument PA1 (a fol 33 tal-process).

Jidher illi l-importaturi kienu immedjatament indunaw bil-hsara u illi fit-3 ta’ Settembru 1998, meta waslu fl-imhazen tal-importaturi, kien sar survey immedjat minn Oliver Losco, bir-rapport tieghu esibit bhala dokument D1 (a fol 12 tal-process).

Mid-deposizzjoni tal-istess Oliver Losco tat-22 ta’ Novembru 2000 jirrizulta illi infatti dak inhar stess illi giet stabbilita l-estenzjoni tal-hsara u dakinhar stess meta huwa ghamel is-survey tieghu ossia fit-3 ta’ Settembru 1998, huwa kien spedixxa ittra lill-kumpanija konvenuta fejn kien infurmahom bil-hsarat fil-merkanzija li huma ttrasportaw u esebixxa kopja ta’ din l-ittra li giet immarkata dokument OL2 ( a fol 50 tal-process).

Mid-deposizzjoni ta’ l-istess Oliver Losco jirrizulta illi din l-ittra kienet giet akkompanjata wkoll minn kwestjonarju spedit mill-kumpanija O. F. Gollcher & Sons Limited li kienet hadet hsieb is-survey u l-konvenuti kienu gew mistiedna sabiex ikunu jistghu jattendu ghas-survey kif ukoll gew infurmati li kienu liberi li jispezzjonaw il-merkanzija danneggjata.

Evidentement dawn l-ittri kienu sufficjenti sabiex jghamlu tajjeb ghall-obbligu tal-importaturi kif stipulat fl-imsemmi Artikolu 12 tal-Kundizzjonijiet tat-Trasport relattivi. Infatti n-notifika tad-danni kienet saret immedjatament kif gew riskontrati d-danni u definittivament fi

zmien erbaghtax (14) il-jum mid-data ta' meta gew ikkunsenjati l-oggetti trasportati.

L-istess Artikolu 12 ma jesigi ebda forma ohra ta' ilment oltre il-kitba u ghalhekk l-ittri spediti kemm mill-kumpanija O. F.Gollcher & Sons Limited li ghamlet is-survey kif ukoll mill-kumpanija Toly Products, li kienet importat il-merkanzija, ghandha titqies li hija sufficjenti ghall-iskopijiet ta' l-istess kundizzjonijiet tal-garr.

Min-naha tal-kumpanija konvenuta, l-acting assistant Manager, Robert Pace Bonnici Monpalo, stqarr illi mill-file ma jirrizultalhux illi r-ricevitur tal-merkanzija kien ghamel xi lment, izda din id-deposizzjoni waheda mhix bizzejjed biex telimina l-prova fornita mill-atturi dwar l-ilment taghhom; infatti mill-istess deposizzjoni tal-assistant Manager tal-konvenuti jirrizulta illi fil-file tieghu huwa wkoll innota li lanqas certifikat dwar id-danni riskontrati ma rrizulta li hemm fil-file meta dan normalment irid jsir meta id-danni kienu fil-fatt gew irriskontrati.

Inoltre l-istess xhud ma qal xejn dwar l-'questionaire' li kienet giet spedita lilhu mill-kumpanija Gollcher b'riferenza ghall-istess hsarat.

Evidentement, kien ikun iktar xhud idoneu il-Manager tal-Cargo Services tal-kumpanija konvenuta li lilhu kienu gew indirizzati l-ilmenti.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici hija gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici fil-kwalita' premessa taghhom is-somma mitluba ta' Lm688 (sitt mija u

tmienja u tmenin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali mit-8 t'April 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 35